MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 224/1996/1

Maria Pace, u b'degriet tad-9 ta' Ottubru, 2003, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Raymond Mifsud, 44, Triq ta' Ġorf, Xagħra, minflok Maria Pace li mietet fil-mori tal-kawża .

vs

Carmelo Grima u martu Margaret Grima .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-għoxrin (20) ta' April elf disa' mija u disgħin (1990) kif sussegwentement ikkoreġut b'kuntratt ieħor fl-atti tal-istess Nutar tal-erbatax (14) ta' April elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) – *Dokumenti A u B* – ġie stipulat illi l-attriċi qegħda tassenja u tittrasferixxi b'titolu ta' *datio in solutum* a favur tal-konvenuti konjuġi Grima d-drittijiet

kollha tagħha spettanti lill-attriċi u ċioe' l-kwota indiviża ta' ħamsa minn tmien partijiet mill-fond numru mija u tmienja u tletin (138), Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex;

Illi fl-imsemmi kuntratt ġie stipulat illi din l-assenjazzjoni favur il-konvenut qegħda ssir bi tpattija u ħlas ta' diversi serviġi, kuri, u assistenzi prestati lill-attriċi mill-istess konvenuti ;
Illi l-imsemmi kuntratt ta' *datio in solutum* huwa simulat u sar taħt pretesa falza għaliex fil-fatt ma kienet dovuta ebda somma jew pendenzi ta' ħlas mill-attriċi lill-konvenuti għal servizzi, kuri w assistenzi prestati lilha mill-istess konvenuti kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt il-kors tal-kawża ;

Illi l-attriċi proprju madwar xahrejn u nofs qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni u ċioe' fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar elf disa' mija u disgħin (1990), hija kienet ittrasferiet mill-kont bankarju tagħha mal-Mid-Med Bank Limited bin-numru ittra "X" wieħed wieħed ħamsa sebgħa erbgħa sebgħa (X 115 747) is-somma ta' erbat elef liri maltin (Lm4,000) f'kont bankarju fiss fl-istess Bank intestat f'isem il-konvenuti liema kont bankarju jġib in-numru żero sebgħa ħamsa tlieta wieħed tnejn (075312), inkluż bl-imgħaxijiet sa dak inhar u dan it-trasferiment tal-flus favur il-konvenuti sar proprju bi ħlas u tpattija tas-servizzi, kuri, u assistenzi li kienu pprestaw u jipprestaw il-konvenuti lill-attriċi ;

Illi dan it-trasferiment u ħlas tal-flus sar oltre ħlasijiet oħra li l-attriċi kienet tħallas ta' kull xahar lill-konvenuti li kienu jvarjaw bejn erbgħin u sittin lira fix-xahar, liema ħlasijiet mensili l-attriċi bdiet tagħmilhom sa mill-bidu li l-konvenuti bdew jirrendu servizzi, kuri u assistenzi lill-attriċi f'April tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) ;

Illi matul is-sena minnufih qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni l-konvenuti kienu ġia' rċevew mingħand l-attriċi s-somma ta' madwar erbat'elef sitt mija u tmenin lira maltin (Lm4,680) li jiġu ekwivalenti għal madwar tnax-il lira u tnejn u tmenin ċenteżmi (Lm12.82) għal kull ġurnata li

kien ilhom jirrendulha tali servizzi, kuri, u assistenzi, li huwa kunsidrat bħala ħlas oltre milli rimunerattiv ;

Illi l-attriċi trid timpunja dan il-kuntratt minħabba simulazzjoni peress illi kif tista' tipprova l-attriċi waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża kemm il-valur iddikjarat huwa simulat kif ukoll mhux tassew li l-attriċi kellha xi dejn mal-konvenuti għal serviġi, kuri, u assistenzi minnhom reżi lill-attriċi sad-data li fih sar il-kuntratt il-għaliex hija kienet ħallsithom pjenament ta' dawn is-servizzi, kuri w assistenzi .
Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara l-kuntratt ta' *datio in solutum* li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fl-għoxrin (20) ta' April elf disa' mija u disgħin (1990) kif sussegwentement ikkoreġut b'kuntratt ieħor fl-atti tal-istess Nutar tal-erbatax (14) ta' April elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993), simulat għar-raġunijiet fuq imsemmija ;

2. Tiddikjara ineżistenti t-trasferiment u l-assenjazzjoni tal-ishma mill-fond fuq imsemmi li sar bil-kuntratt fuq imsemmi in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tal-għoxrin (20) ta' April elf disa' mija u disgħin (1990) kif sussegwentement ikkoreġut b'kuntratt ieħor fl-atti tal-istess Nutar tal-erbatax (14) ta' April elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993), peress li dan sar taħt preteza falza ta' rikonoxximent u ħlas ta' debitu bi tpaċija l-għaliex fil-fatt u ċertament ma kienet dovuta ebda somma mill-attriċi lill-konvenuti għal servizzi, kuri, u assistenzi li kienu ġew reżi lill-attriċi mill-konvenuti almenu sa dak inhar tal-kuntratt .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew :

1. Illi in linea preliminari, hija ta' ostakolu għaċ-ċitazzjoni odjerna l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* a tenur tal-artikolu 792 tal-Kap. 12 stante illi l-istess attriċi ġia intentat kontra l-istess konvenuti kawża oħra bażata fuq l-istess kawżali u fuq l-istess meritu dwar l-istess kuntratt u eżattament iċ-ċitazzjoni Nru 147/1996 fl-istess ismijiet; u għaldaqstant l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom dejjem u fi kwalunkwe każ jiġu sopportati mill-istess attriċi ;

2. Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-simulazzjoni allegata mill-attriċi - anke jekk għal grazzja tal-argument *datum sed non concessum* jirriżulta illi din l-allegazzjoni hija fondata fil-fatt - ma twassalx għan-nullita' tal-kuntratt stante illi *ex ipotesi,* tali simulazzjoni hija biss waħda relativa u mhux assoluta ;

3. Illi wkoll in linea sussidjarja kwalunkwe simulazzjoni jew pretesa falza illi tista' tirriżulta - *dejjem datum sed non concessum* - ma tista' twassal qatt għal *ineżistenza* tal-kuntratt attakkati mill-attriċi, u għaldaqstant independentement mill-fatt jekk l-allegazzjonijiet tal-attriċi humiex fondati jew le, it-tieni talba tal-attriċi kif formulata ma tista' qatt tiġi akkolta ;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi stess tammetti illi l-eċċipjenti rrendewlha serviġi kuri w assistenzi tant illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni hija tikkontesta biss il-konsistenza ta' tali serviġi u l-kumpens ġust dovut għal tali serviġi, u kwindi lanqas ma jista' jingħad illi kienet teżisti xi *simulazzjoni* jew *pretesa falza* tat-tip allegata mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni ;

5. Illi finalment ma hux veru illi l-esponenti rċevew u żammew għalihom il-flus indikati mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha, u dan kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Carmelo Grima .

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .
Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Rat ukoll l-atti tal-kawża konnessa : ċitaz. 147/96 bejn l-istess partijiet quddiem din il-Qorti wkoll .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob li kuntratt ta' *datio in solutum* li permezz tiegħu sehemha mill-proprjeta' ndikata fiċ-ċitazzjoni ġie trasferit lill-konvenuti, jiġi dikjarat simulat, għar-raġunijiet imsemmija fl-istess ċitazzjoni, u konsegwentement ineżistenti .

Għal din il-kawża l-konvenuti eċċepew in linea preliminari l-*lis alibi pendens* a tenur ta' l-artikolu 792 tal-kap. 12, stante illi l-istess attriċi kienet ġia intentat kontra l-istess konvenuti kawża oħra bażata fuq l-istess kawżali u fuq l-istess mertu, dwar l-istess kuntratt[1] . Dwar eċċezzjoni bħal din ġie mfisser illi : "***La litis pendenzia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi . E' necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, innnanzia due giudici diversi (identita' di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attivita' processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati***." [2]

Ġie spjegat mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward illi :

---

[1] Citaz. 147/1996 fl-istess ismijiet quddiem din il-Qorti wkoll .
[2] Diritto Processuale Civile : Edizioni Giuridiche Simone - 2000 pag. 43 – 44 .

"*The plea is somewhat parallel with the plea of* ***'exceptio rei judicatae'*** *. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue . The effect of the plea of* ***'litis pendentia'*** *in the words of Sevtion 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first Court . In fact, doctrine and caselaw in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence* ***'ex officio'*** *if such plea is founded,in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein ;*

*The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-mater and the cause of the demand*."[3]

Fil-każ tagħna jirriżulta illi :

(i) is-suġġett (***res***) huwa l-istess għax jittratta sehem l-attriċi mill-fond numru 138, Triq Marsalforn, Xagħra Għawdex ;

(ii) ir-raġunijiet illi fuqhom huma bbażati l-kawżi u t-talbiet (***causa***), għalkemm huwa simili, mhumiex proprju identiċi, għaliex filwaqt illi fil-kawża preżenti qed tintalab dikjarazzjoni ta' simulazzjoni ta' kuntratt ta' *datio in solutum* li kien sar bejn il-kontendenti, fil-kawża l-oħra intalbet ir-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt għal diversi raġunijiet fosthom anke dawk imsemmija f'din iċ-ċitazzjoni ;

(iii) il-partijiet involuti (***personae***), huma identiċi fiż-żewġ kawżi .

---

[3] Qorti tal-Kummerc : Anatoli Reznikov et. vs Nikolai A. Kotivov pro et noe : 24.3.1994 kollez. Vol. LXXVIII pt. IV p.174 .

Għalhekk għalkemm għandna l-istess *res* u l-istess persuni, ma jistax jingħad illi hawnhekk għandna wkoll l-istess *causa petendi*, u għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi miċħuda .

Fil-mertu mbagħad, l-attriċi permezz ta' din il-kawża qed issostni illi l-kuntratt in kwistjoni huwa simulat, billi mhux minnu illi hija kellha tagħti lill-konvenuti l-flus imsemmija fl-istess kuntratt b'kumpens għas-serviġi resi minnhom, u dan għaliex ta' l-istess serviġi, dawn kienu ġia ġew adegwatament ikkumpensati . Imma kif tajjeb jirrilevaw il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, is-simulazzjoni tippresumi l-ineżistenza tal-kuntratt ***ab initio*** . "*Un atto giuridico dicesi simulato, quando siavi contradizione deliberata tra la volonta' di chi lo compie e l'esterna manifestazione di essa; e simulazione dicesi il vizio onde il negotium juris e' affetto . Quando altro si dice ed altro si vuole, si ha una manifestazione senza volonta' ed una volonta' senza manifestazione; onde ne' l'una ne' l'altra puo' costituire il negozio giuridico … Percio' nella simulazione non vi ha che l'apparenza di un atto, il quale* ***in realta' non esiste come tale*** *: non vi ha che una volonta' apparente ma non reale, o che per lo meno non e' quella manifestata.*"[4]

Madankollu fil-kawża intavolata mill-istess attriċi ftit xhur qabel,[5] l-attriċi talbet ir-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt u kif intqal mill-qrati tagħna : "*Biex tista' tiġi ordnata r-rexxissjoni ta' kuntratt hemm bżonn illi dak il-kuntratt ikun jeżisti ġuridikament*."[6] Għandna għalhekk kontradizzjoni sħiħa bejn dawn iż-żewġ kawżi, għax filwaqt illi f'dik għar-rexxissjoni l-attriċi qed tippresupponi l-eżistenza ta' kuntratt, fil-kawża preżenti qed tippretendi proprju l-oppost u ċioe' li dan l-istess kuntratt qatt ma kien jeżisti għax simulat . Għal din ir-raġuni biss, hija l-fehma tal-Qorti illi din il-kawża qatt ma tista' tirnexxi, ġialadarba l-kawża l-oħra tar-rexxissjoni baqgħet ma ġietx ċeduta, anzi mxiet

---

[4] Digesto Italiano : vol. XXI. pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta .
[5] citaz. nru. 147/1996 fl-istess ismijiet .
[6] Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono ; :Prim'Awla : 12.7.46 .

kontestwalment ma' din il-kawża u bħalha tħalliet ukoll għal-lum għas-sentenza .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur preżenti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------